MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2011

Citazzjoni Numru. 136/2000/1

**Public Broadcasting Services Ltd**

**vs**

**Reuben Vella Bray u s-socjeta' Garden of Eden Ltd, ezercenti l-kummerc bhala European Holidays**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta' attrici ppremettiet:-

Illi l-konvenuti jew min minnhom huma debituri tas-socjeta' attrici fis-somma ta' elfejn u mitejn liri maltin (Lm2200) rapprezentanti bilanc dovut fir-rigwrad ta' servizzi ta' reklamar rezi mill-istess socjeta' attrici lilhom jew min minnhom.

Illi ghalkemm interpellati diversi drabi, anke permezz ta’ l-ittra ufficjali tas-17 ta’ Novembru, 1999, huma baqghu inadempjenti.

Illi l-ammont huwa cert, likwidu u dovut u jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi a tenur ta’ l-Artikoli 167-170 tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili, u l-istanti qeghda tannetti ma’ dan l-att, affidavit mmarkat Dok A a tenur ta’ l-istess artikolu tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili.

Ghalhekk is-socjeta’ attrici talbet li l-konvenuti, jew min minnhom, jigu kkundannati sabiex ihallsu lis-socjeta’ attrici l-imsemmija somma dovuti ghar-ragunijiet gia’ imsemmija.

Bl-ispejjez ta’ din il-procedura inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tas-17 ta’ Novembru, 1999 u tal-mandati pprezentati kontestwalment ma’ din ic-citazzjoni, u bl-imghax dekorribbli mid-data tal-fatturi relattivi sal-pagamenti effettiv kontra l-konvenuti jew min minnhom, li gew ukoll ingunti sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta’ attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha.

Rat l-affidavit ta’ Eric Vella Bonnici presentat mis-socjeta’ attrici.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Reuben Vella Bray fejn gie eccepit:-

Illi skond il-Memorandum and Articles of Association tas-socjeta’ Public Broadcasting Services Limited, kopja ufficjali annessa mal-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta Garden of Eden Limited u markata Dok A, r-rappresentanza gudizjarja hija vestita f’ wiehed mid-Diretturi tal-istess socjeta’ u mill-istess Dok A anness mal-eccezzjonijiet tas-socjeta Garden of Eden Limited jirrizulta illi s-Sur Eric Vella Bonnici mhux Direttur u ghaldaqstant l-procedura odjerna hija irrita stante illi Eric Vella Bonnici mhux debitament awtorizzat jirraprezenta fi proceduri gudizjarji lis-socjeta’ attrici.

Illi l-eccipjent m'ghandu ebda relazzjoni guridika mas-socjeta attrici u dana stante illi huwa ma assuma ebda obbligi kontrattwali veru l-istess socjeta naxxenti mill-ftehim tad-19 ta' Jannar 1998, kopja hawn annessa u markata bhala Dok A, u dana kif ser jigi pruvat fil-mori tal-kawza.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici mhux dovut u dana stante illi l-ftehim mas-socjeta attrici gie negozjat minn Antonella Vassallo, bhala rapprezentanta jew agenta tal-istess socjeta attrici, liema tal-ahhar kienet assumiet l-obbligu illi r-reklamar ikun "on an exclusivity basis" liema obbligu ma giex onorat u ghaldaqstant kien hemm ksur tal-ftehim bejn il-partijiet u dana kif ser jigi pruvat fil-mori tal-kawza.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut Reuben Vella Bray debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta Garden of Eden Limited fejn gie sottomess:-

Illi skond il-Memorandum and Articles of Association tas-socjeta' Public Broadcasting Services Limited, kopja ufficjali annessa mal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta Garden of Eden Limited u markata Dok A, r-rappresentanza gudizjarja hija vestita f'wiehed mid-Diretturi tal-istess socjeta' u mill-istess Dok A hawn anness jirrizulta illi s-Sur Eric Vella Bonnici mhux Direttur u ghaldaqstant l-procedura odjerna hija irrita stante illi Eric Vella Bonnici mhux debitament awtorizzat jirraprezenta fi proceduri gudizjarji lis-socjeta' attrici.

Illi l-procedura odjerna hija intempestiva u dana stante illi s-socjeta' konvenuta qatt ma giet interpellata ghall-hlas kontrarjament ghal dak indikat fic-citazzjoni odjerna mis-socjeta' attrici u dana kif jirrizulta mid-dokument hawn anness u markat Dok B.

Illi s-socjeta' eccipjenti mghandha ebda relazzjoni guridika mas-socjeta attrici u dana stante illi mid-dokument hawn anness u markat Dok C, li huwa kopja ta' ftehim datat 19 ta' Jannar 1998, s-socjeta' Garden of Eden ma tirrizulta indikata fl-ebda parti u anqas jirrizulta illi l-persuna li ffirmat l-ftehim hawn anness ghamlet hekk in rapprezentanza tas-socjeta konvenuta u ghaldaqstant s-socjeta' eccipjenti ma assumiet ebda obbligi kontrattwali versu s-socjeta' attrici naxxenti mill-ftehim tad-19 ta' Jannar 1998, kopja hawn annessa u markata bhala Dok C, u dana kif ser jigi pruvat fil-mori tal-kawza.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici mhux dovut u dana stante illi l-ftehim mas-socjeta attrici gie negozjat minn Antonella Vassallo, bhala rapprezentanta jew agenta tal-istess socjeta attrici, liema tal-ahhar kienet assumiet l-obbligu illi r-reklamar ikun "on an exclusivity basis" liema obbligu ma giex onorat u ghaldaqstant kien hemm ksur tal-ftehim bejn il-partijiet u dana kif ser jigi pruvat fil-mori tal-kawza.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' komnvenuta Garden of Eden Limited debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha.

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta' Novembru 2000 fejn jirrizulta li l-konvenuti ddikjaraw li l-ewwel eccezzjoni taghhom hi bbazata fuq il-provedimenti tal-artikolu 181A tal-Kap.12.

Semghet lix-xhieda Eric Vella Bonnici, Antonella Vassallo u Joe Scicluna lkoll prodotti mis-socjeta' attrici.

Semghet lill-konvenut Reuben Vella Bray.

Semghet lix-xhudi prodott mis-socjeta' attrici.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti.

Rat in-nota responsiva tas-socjeta' attrici.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti.

Rat li l-kawza giet differita biex tinghata s-sentenza.

Ikkonsidrat:-

Is-socjeta’ attrici tippretendi li z-zewg konvenuti, cioe’ Reuben Vella Bray u s-socjeta Garden of Eden Limited, li, skond is-socjeta’ attrici flimkien igestixxu negozju taht l-isem European Holidays, jew minn minnhom, huma debituri taghha fis-somma ta’ elfejn u mitejn liri maltin (Lm2200) rapprezentanti bilanc dovut fir-rigwrad ta’ servizzi ta’ reklamar rezi minnha a beneficcju tal-istess konvenuti. Ghalhekk is-socjeta’ attrici qed titlob li l-konvenuti, jew minn minnhom, jigu kkundannati jhallsu l-imsemmija somma.

Da parti taghhom iz-zewg konvenuti qed jeccepixxu, fl-ewwel lok, li, skond il-Memorandum and Articles of Association tas-socjeta’ attrici r-rappresentanza gudizjarja tal-istess socjeta’ hi vestita f’wiehed mid-Diretturi tal-istess socjeta’ u Eric Vella Bonnici, li kkonferma bil-gurament id-dikjarazzjoni annessa mac-citazzjoni, mhux direttur tas-socjeta attrici u ghalhekk, skond il-konvenuti din il-procedura hi nulla. Fit-tienim lok iz-zewg konvenuti jeccepixxu li m’ghandhomx relazzjoni guridika mas-socjeta attrici stante li huma ma assumewx obbligi kontrattwali versu l-istess socjeta naxxenti skond il-ftehim tad-19 ta’ Jannar 1998. Fit-tielet lok huma jeccepixxu li l-ammont li qed jintalab mhux dovut stante li minn kien qed jirrappresenta lis-socjeta’ attrtici fl-imsemmi ftehim kien assuma l-obbligu illi r-reklamar ikun “on an exclusivity basis” liema obbligu ma giex onorat, u ghalhekk kien hemm ksur tal-ftehim li kien intahaq bejn il-partijiet. Is-socjeta’ konvenuta Garden of Eden Limited waheda teccepixxi inoltre li t-talba attrici hi intempestiva peress li l-istess socjeta’ konvenuta qatt ma giet interpellata biex thallas l-ammont in kwestjoni.

**Fatti**

Is-socjeta’ attrici, permezz ta’ certa Antonella Vasallo, nnegozjat ma’ Alfred Spiteri u ma’ Reuben Vella Bray

pakkett ta’ riklamar fuq programm televiziv. Il-konvenut Reuben Vella Bray kien impjegat bħala manager minn Alfred Spiteri u Giulino Spiteri fin-negozju taghhom gestit taht l-isem ta “European Holidays,” liema ditta kellha tisponserja l-istess programm cioe’ “Hadd wara Hadd.” Gie miftiehem li kellu ikun hemm zewg reklami, li jippromovu l-imsemmija ditta u cioe’ wiehed fil-bidu u l-iehor fit-tmiem tal-programm. Kellu jkun hemm inoltre spot pubbliċitarju ta’ ħames minuti, li fih kellhom jigu reklamizzati t-“tours” li kienu qed jigu offerti mill-imsemmija ditta. In effett, f’dan ir-rigward, ġie iffirmat kuntratt, datat 19 ta’ Jannar 1998, bejn is-socjeta’ attrici u l-imsemmija ditta (fol.48 u 49). Il-firmatarji ta’ dan il-ftehim kienu Alfred Spiteri għan-nom ta’ “European Holidays” u c-Chairman tas-socjeta’ attrici f’isem l-istess socjeta’ attrici. Jirrizulta li l-imsemmi reklamar kollu sar, peress li jirrizulta ukoll li l-konvenut Reuben Vella Bray kien mar xi seba’ darbiet fuq l-msemmi programm u tkellem fuq it-tours li d-ditta kienet qed toffri.

L-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti, rigwardanti n-nullita’ tac-citazzjoni, hi infondata kemm fid-dritt kif ukoll fil fatt. Il-fatt, anke jekk ipprovat, li minn halef id-dikjarazzjoni annessa mac-citazzjoni m’ghandux ir-rappresentanza guridika tas-socjeta’ zgur li ma jwassalx ghan-nullita’ tac-citazzjoni. F’dan ir-rigward il-ligi tirrikjedi biss li minn jahlef id-dikjarazzjoni jkun edott mill-fatti li jkun qed jigu konfermati bil-gurament. Barra minn hekk giet prodotta kopja ta’ risoluzzjoni tal-Board tas-socjeta’ attrici, datata 6 ta’ april 2000, li biha min halef id-dikjarazzjoni in kwestjoni gie awtorizzat biex jirrappresenta lis-socjeta’ f’dawn il-proceduri (fol.58). Kwindi din l-eccezzjoni jisthoqqilha li tigi rigettata.

**Konsiderazzjonijiet fattwali dwar it-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti rigwardanti in-nuqqas ta’ relazzjoni guridika bejn iz-zewg konvenuti u s-socjeta’ attrici.**

Ghar-rigward ta’ din l-eccezzjkoni l-konvenuti jissottomettu li huma ma assumewx ebda obbligu kontrattwali versu l-istess socjeta attrici bl-imsemmi ftehim tad-19 ta’ Jannar 1998. Kif gia rilevat in-negozjati li wasslu ghall-ftehim in

kwestjoni seħħew bejn Antonella Vassallo, f'isem is-socjeta' attrici u Reuben Vella Bray u Alfred Spiteri li kienu qed jagixxu f'isem in-negozju gestit taht l-isem European Holidays. Il-ftehim gie effettivament iffirmat minn Alfred Spiteri ghan-nom tal-imsemmija ditta European Holidays u mic-chairman tas-socjeta' attrici. Ghal finijiet tal-istess ftehim l-"advertiser" kienet l-istess ditta European Holidays, li in effett aċċettat l-obbligi kollha naxxenti mill-istess ftehim. Dan ifisser li la il-konvenut Reuben Vella Bray u lanqas is-socjeta' konvenuta Garden of Eden Limited ma kienu involuti fil-ftehim u lanqas ma assumew ebda obbilgu fil-konfront tas-socjeta' attrici naxxenti mill-ftehim.

Il-konvenut Reuben Vella Gray kien biss impjegat mal-European Holidays u ma deherx fuq il-ftehim la f'ismu propju u lanqas in rappresentanza ta' xi ditta jew ta' xi socjeta' kummercjali. Hu minnu li kien hemm skambju ta' korrispondenza bejn l-istess konvenut Reuben Vella Bray u s-soċjeta' attriċi dwar il-pretensjonijiet tal-istess socjeta' attrici. F'dan ir-rigward pero' Reuben Vella Gray kien qed jagixxi fil-kapacita' tieghu ta' manager u impjegat tal-European Holidays.

Dejjem ghar-rigward tal-eccezzjoni dwar ir-relazzjoni guridika, s-soċjeta' konvenuta Garden of Eden ipproduciet bhala xhud direttur taghha, Alfred Spiteri, li kkonferma li l-istess socjeta' konvenuta tagixxi u tinnegozja fis-settur tat-trasport, b'mod pertikolari fil-kiri ta' vetturi (buses) u mhux fis-settur tal-ivvjaggar u organizzazzjoni ta' tours ghal barra minn Malta. L-istess xhud ikkonferma ukoll li s-socjeta' konvenuta m'għandha x'taqsam xejn man-negozju gestit that l-isem "European Holidays." Jidher li f'mohh is-socjeta' attrici kien hemm konfuzjoni bejn il-konvenut Reuben Vella Bray, id-ditta European Holidays u s-socjeta' kummercjali Garden of Eden Limited. Li hu zgur hu li z-zewg konvenuti ma jissemmewx filftehim in kwestjoni u ma ffirmawx l-istess ftehim.

L-artikolu 1001 tal-Kodici Civili jipprovdi li "l-kuntratti ghandhom effett bejn il-partijiet li jikkuntrattaw biss, u ma jistghux ikunu ta' hsara jew ta' gid ghal haddiehor, hlief fil-

kazijiet li tghid il-ligi.” Fil-kaz in kwestjoni l-kontrattazzjoni saret bejn is-socjeta attriċi PBS u d-ditta European Holidays biss. Il-kuntratt hu validu biss bejn il-partijiet li iffirmawh. Kwindi l-konvenuti s-socjeta’ Garden of Eden Limited u Reuben Vella Bray personalment ma għandhomx jissubixxu konsegwenzi minn kontrattazzjoni li ghaliha huma ghandhom jigu konsidrati bhala li huma estranji. L-eċċezzjoni tal-konvenuti fejn issollevaw illi ma hemm ebda relazzjoni kuntrattwali mas-soċjeta attriċi ġiet ippruvata għaliex il-kuntratt jorbot biss lill-partijiet imsemmija fih u ma għandu l-ebda forza fuq kwalunkwe terz ieħor. Konsegwentement din l-eccezzjoni taz-zewg konvenuti timmerita li tigi akkolta.

Il-Qorti tal-Appell fl-1 ta' Dicembru, 2004, fil-kawza fl-ismijiet “Hardrocks Limited vs Francesco Fenech Limited irreteniet kif gej:- “Indubitament, ghal konkluzjoni ta’ kuntratt jehtieg li tissussisti dik il-kombinazzjoni ta’ manifestazzjoni tal-volonta` tal-kontraenti diretta lejn ftehim unitarju. Ir-raguni hi wahda ovvja. Hi din l-unitarjeta` tal-kunsens li tikkreja, imbaghad, ir-relazzjoni guridika fl-effetti kollha taghha u taghti lill-kuntratt il-forza ta’ ligi li jsemmi l-Artikolu 992 (1) tal-Kodici Civili u allura ukoll l-effett bejn il-partijiet kontraenti biss kif jinghad fl-Artikolu 1001, Kodici Civili u effettivament, kif jissokta dan l-ahhar dispost, tali kuntratt la jista’ jiggjova u lanqas jippregudika lit-terz li ma ippartecipax tant li ghalih il-ftehim jibqa res inter alios acta.” In kokluzjoni jista jinghad li jirrizulta ampjament li kull kuntrattazzjoni li kien hemm rigwardanti l-kuntratt suġġett ta’ din il-kawża kienet limitata għall-Public Broadcasting Services Ltd u l-European Holidays u ma hemm ebda relazzjoni guridika bejn is-socjeta` attrici u l-konvenuti. Konsegwentement din l-eccezzjoni tal-konvenuti rigwardanti n-nuqqas ta’ relazjoni guridika bejn iz-zewg konvenuti u s-socjeta’ attrici timmerita li tigi akkolta u b’hekk il-konvenuti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizju. La darba din it-tieni eċċezzjoni taz-zewg konvenuti qed tigi akkolta mhux il-kaz li jigu esaminati l-eċċezzjonijiet l-oħra, u cioe’ t-tie;let eccezzjoni taz-zewg konvenuti u dik rigwardanti l-intempestivita’ kif sollevata mis-socjeta’

konvenuta waheda. Konsegwentement ukoll it-talbiet kollha tas-soċjeta’ attriċi jimmeritaw li jigu miċħuda.

Ghal dawn il-motivi kollha

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tilqa t-tieni eccezzjoni taz-zewg konvenuti rigwardanti n-nuqqas ta’ relazzjoni guridika bejn is-socjeta’ attrici u l-istess konvenuti u konsegwentement il-konvenuti qed jigu liberati mill-osservanza tal-giudizzju u billi fit-tieni lok tichad it-tabiet kollha tas-socjeta’ attrici.

Spejjez kollha jithallsu mis-socjeta’ attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------